KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 44 (kont.1) IS-SITT KUNSILL**

L-erbgħa u erbgħin seduta (kont. 1) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **it-Tnejn 22 ta'Awissu, 2011** fis-5.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

PREŻENTI

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer, l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, u Patrick Pace, M. Debono, J. Galea

APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))
Il-Kunsilliera Nikki Dimech, Nicolai Gauci u Yves Cali avżaw li ma setawx jattendu minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsilliera msemmija bħala raġonevoli.

UFFIĊJALI PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi
L-*Assistant Principal* Graziella Enriquez
Is-Sur Joseph Tabone, Head Monitoring Unit, Dipartiment Gvern Lokali
Is-Sur Chris Galea, Ufficjal Monitoring Unit, Dipartiment Gvern Lokali

Is-Sindku ppresediet.

44.a Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li din is-Seduta hija kontinwazzjoni tal-laqgħa tal-10 ta' Awwissu 2011 u għalhekk qed tintuża l-istess Agenda. Is-Sindku qalet li sussegwentament għal-laqgħa tal-10 ta' Awwissu 2011, id-Dipartiment Gvern Lokali bagħat korrispondenza lill-Kunsill fejn infurmah li l-minuti ma jistgħux ma jiġux approvati mill-Kunsill iżda l-Kunsilliera jistgħu jemendawhom.

*Il-Kunsillier J. Galea daħal għas-seduta fis-5.50 ta' filgħaxija.*

44.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta' Pagamenti

44.4.1 Is-Sindku ressqet zewg skedi ta' pagamenti għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Kunsill, liema skedi kienu gew iccirkolati mal-Agenda tas-Seduta 44.

***Il-Kunsillier M. Debono daħal għas-seduta fis-6.01 ta' filgħaxija.***

44.4.2 Is-Sindku qrat il-lista tal-pagamenti li li għadom ma nħarġux mill-Kunsill, kif ukoll dawk diga maħruġa.

44.4.3 Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekonda. Ivvutaw favur is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera S. Camilleri, P. Pace, u E. Cuschieri. Il-Kunsillier M. Debono astenja.

44.4.4 Il-Kunsillier J. Galea ddikjara li qed japprova l-pagamenti kollha filwaqt li jastjeni ghal pagament ta' Velljo Services. Il-Kunsillier M. Aquilina ddikjarat li qed tapprova l-pagamenti kollha filwaqt li tastjeni ghal pagamenti relatati ma' Brincat Industrial Services u Velljo Services.

44.4.5 Il-pagamenti ġew approvati.

**44.2 Materji konnessi mal-minuti**

44.2.1 Il-Kunsilliera S. Camilleri qalet li kienet talbet informazzjoni dwar in-numru ta' ċitazzjonijiet li ngħataw lil nies li jinqabdu jitimgħu l-ħamiem fit-toroq. Il-Kunsill kien infurmat li għadu qed jistenna risposta mingħand l-*Authorised Officer.*

44.2.2 Il-Kunsillier J. Galea qal li attenda għal-laqgħa mas-Sindku tal-Belt Valletta, tal-Floriana u tal-Hamrun dwar il-problema tal-ħamiem fl-erba' lokalitajiet. Qal li kien diskuss li l-Kunsilli nnfushom ma jieħdux azzjoni fuq proprjeta privata, izda li l-erbgħa kunsilli flimkien għadhom jibdew kampanja edukattiva fejn il-pubbliku jkun infurmat li hija r-responsabilita tar-residenti li jagħlqu l-ventilaturi tad-djar tagħhom. Il-Kunsillier Galea qal li l-Kunsill tal-Belt għandu jibgħat proposta għall-approvazzjoni tal-Kunsill fejn fost affarijiet oħra qed jipproponu li jinħareġ avviż li permezz tiegħu r-residenti jingħataw ġimgħatejn ċans biex jaghlqu l-ventilaturi tagħom. Skont il-proposta li se titressaq mill-Kunsill tal-Belt se jittiehdu passi legali kontra min ma jaderexxix mal-avviz.

**44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

44.3.1 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand tifla ta' 8 snin għal permess biex issir bejgħ ta' kejkijiet fuq il-*promenade*. Kien spjegat li l-flus li se tiggenera din l-attivita

se jmorru għall-organizzazzjoni mhux governattiva *Inspire*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur din it-talba.

44.3.2 Il-Kunsillier J. Galea talab li l-Kunsill jikteb lill-Pulizija biex ikun verifikat jekk il-bejjiegħa fuq il-*promenade* għandhomx il-permessi meħtiega.

44.3.3 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand is-Sur Weston f'isem il-ħanut *ID Café*, Ix-Xatt, għal permess għal *live band* ħdejn il-ħanut tiegħu bejn it-8 u 11 ta' filgħaxija fl-1 ta' Settembru, 2011. Is-Sindku pproponiet li s-Sur Weston jingħata l-permess. Il-Viċi Sindku ssekonda. Ivvutaw favur is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, E. Cuschieri, P. Pace u J. Galea. Il-Kunsilliera M. Debono u S. Camilleri astjenew. Il-proposta għaddiet b'sitt voti favur.

44.3.4 Il-Viċi Sindku talab li korrispondenza dwar attivitajiet tintbagħat permezz ta' *email* għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li għandu jkun hemm diskussjoni fil-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ghalkemm tista ssir konsultazzjoni u tinghata wkoll informazzjoni mal-Kunsilliera permezz ta' *emails* d-deċiżjoni hi permezz tal-laqgha tal-Kunsill.

44.3.5 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand is-Soċjeta Mużikali tal-Balluta, dwar il-post fejn għandha ssir l-attivita mal-Kunsill Lokali Tas-Sliema. Is-Sindku proponiet li l-attivita issir fil-pjazza tal-Balluta. Il-Viċi Sindku jissekonda. Ivvutaw favur is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace. Il-Kunsillier M. Debono astjena. Il-proposta għaddiet b'seba' (7) voti favur. Ghandhom jintalbu l-permessi necessarji mingħand il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan.

44.3.6 Is-Sindku ressqet ghal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza minghand il-kumpanija *Arrigo Group*. Wara diskussjoni u peress illi diġa hemm *Loading/Unloading Bay* fl-istess zona, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-*Contracts Manager* tal-Kunsill għandu jipprezenta rapport dwar is-sitwazzjoni attwali tal-lukanda Plaza kif ukoll qisien bil-wiesa' ta' Triq San Frangisk u l-*parking bays*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li din il-korrispondenza terġa tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

44.3.7 Il-Viċi Sindku qal li l-Perit David Vassallo qiegħed jinjora l-*warnings* tal-Kunsill u staqsa x'jista' jsir f'dan l-istadju. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tivverifika.

44.3.8 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand is-Sur Albert Delia f'isem il-MEUSAC għal permess dwar attivita, bl-isem ta' 'L-Ewropa max-Xatt' li se ssir f'żewġ serati fuq il-

Promenade Tas-Sliema ħdejn it-Torri. Is-Sindku tipproponi li jinħareġ permess għal din l-attivita. Il-Kunsillier Galea ssekonda l-proposta. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

44.3.9 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand is-sidien tat-tower krejn fi Triq il-Creche biex jestendu l-permess għal sitt xhur oħra. Is-Sindku pproponiet li jinħareġ il-permess għal-tlett xhur minnflok sitta. Il-Kunsillier Galea ssekonda. Ivvutaw favur is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera E. Cuschieri, S. Camilleri, J. Galea u P. Pace. Il-Kunsilliera M. Aquilina u M. Debono astjenew. Il-proposta għaddiet b'sitt (6) voti favur.

44.3.10 Il-Kunsilliera S. Camilleri staqsiet jekk hemmx xi proċedura ġdida għal permessi li jingħataw fit-toroq arterjali. Il-Kunsill kien infurmat li t-Transport Malta bagħtet korrispondenza lill-Kunsilli Lokali biex tispjega proċeduri ġodda. Saret diskussjoni fejn issemma' l-bzonn tal-prezenza tal-gwardjani lokali. Il-Viċi Sindku spjega li attenda laqgħa tal-Kumitat Konġunt għall-Infurzar tal-Liġi, fejn kien spjegat li malli tidħol fis-seħħ is-sistema l-ġdida tal-infurzar mill-gwardjani lokali, l-ebda Kunsill mhu se jkun jista' jċempel u jitlob lill-gwardjani lokali biex jindirizzaw problemi li jistgħu jinqalgħu għaliex dawn se jkollhom rotot fissi mir-Reġjun. Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li ma taqbilx li għandhom jitħallsu citazzjonijiet fil-Kunsill ladarba l-Kunsill m'għandux aktar il-funzjoni tal-infurzar tal-lihi. Il-Vici Sindku qal li din is-sistema kienet imposta fuq ir-Regjun mill-Gvern Centrali u li ghaddejin diskussjonijiet dwar il-ħlas lill-Kunsilli Lokali ta' *administrative fee*.

44.3.11 Dwar is-siti ta' kostruzzjoni, il-Kunsillier J. Galea qal li l-kuntrattur li huwa responsabbli mis-sit ta' kostruzzjoni li hemm fi Triq Sir Arturo Mercieca għandu jwaħħal sinjali li jindikaw li t-triq hija magħluqa minħabba l-*base* tat-tower krejn.

44.3.12 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill ir-risposta tad-Dipartiment għal Gvern Lokali għal korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv dwar talba għal ghajnuna finanzjarja wara li l-MRRA infurmaw lill-Kunsill li minn Jannar 2012 il-manutenzjoni ta' Ġnien George Bonello Dupuis se tkun ir-responsabiltà tal-Kunsill. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill għandu jibgħat korrispondenza lill-MRRA fejn jispjega li l-Kunsill mhux se tingħatalu c-cifra ta' €70,000 għall-manutenzjoni ta' Ġnien George Bonello Dupuis u għaldaqstant l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill tas-sena d-dieħla mhux se tkopri din l-ispiża.

44.3.13 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand il-Bord ta' Gvernanza dwar il-każ tas-Sinjura Erminia Debono ta' Triq San Vinċenż. Il-Kunsill kien infurmat li s-Sinjura Debono qiegħda tallega li trakk ta' kumpanija privata faqa l-*inspection chamber* taghha li waslet għal spiza ta'

€550, liema spiza qed tintalab li tkun ikkumpensata mill-Kunsill. Wara diskussjoni fit-tul dwar dan, il-Kunsillier Debono ippropona li l-Kunsill għandu jikteb lit-Trasport Malta u jintalab il-parir tagħhom dwar dan il-każ. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' dan.

44.3.14 Il-Kunsillier E. Cuschieri ssuġġerixxa li jitneħħa l-parkeġġ fi Triq San Vinċenż sa Triq San Lawrenz.

***Il-Kunsillier P. Pace ħareġ mis-seduta fis-6.52 ta' filgħaxija.***

44.3.15 Il-Kunsillier M. Debono ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Pulizija dwar *shutter* fil-baxx li hemm fi Triq San Vinċenz faċċata tal-*Merill Restaurant* għaliex huwa ta' periklu.

***Il-Kunsillier P. Pace daħal lura għas-seduta fis-6.57 ta' filgħaxija.***

44.3.16 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mit-TM b'approvazzjoni għal marki u sinjali tat-traffiku fit-tarf ta' Triq Tigne kantuniera ma' Triq it-Torri. Is-Sindku pproponit li dawn is-sinjali jiġu implimentati. Ivvutaw favur is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace. Il-Kunsillier M. Debono astjena. Il-proposta għaddiet b' seba (7) voti favur.

44.3.17 Il-Kunsillier J. Galea ppropona li Triq Għar il-Lembi ssir *one way* 1 fuq minnflok 'l isfel kif inhi bħalissa u jitneħħa l-parkeġġ minn din it-triq. Ippropona wkoll li jsir parkeġġ bil-ħin għall-massimu ta' sagħtejn *no return within one hour* except *for Sliema residents*, fi Triq it-Torri bejn il-ħanut Next u ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Is-Sindku pproponiet li s-suggeriment tal-Kunsillier J. Galea jintbagħat lit-Transport Malta għall-approvazzjoni tagħha. Il-Kunsillier P. Pace ssekonda. Ivvutaw favur is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea u P. Pace. Il-Kunsilliera S. Camilleri ivvutat kontra. Il-proposta għaddiet b'seba (7) voti favur.

44.3.18 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand is-Sinjura Christine X li qed titlob l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex il-graffiti mal-ħitan li kien diga approva l-Kunsill f'Marzu jsiru fi Triq il-Kbira u taħt ir-restaurant La Pappa fix-Xatt ta' Qui-Si-Sana. Ġie deċiż b'mod unanimu li l-Kunsill ma jagħtix permess biex il-graffiti jsiru fi Triq il-Kbira iżda li tingħata l-awtorizzazzjoni li l-graffiti jsiru kif suggerit fi Qui-Si-Sana. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jintalab id-disinn għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

44.3.19 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand is-Sinjura Christine X għal permess biex isir *Jazz Party* fi Triq Tigne nhar it-8 t'Ottubru, 2011, bejn il-11 ta' filgħodu u t-3 ta' wara nofsinhar. Is-Sindku pproponit li l-permess għal dan il-*Jazz Party* jinħareġ. Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan.

44.3.20 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi ġiet avviċinata minn familjari tas-Sur Johnny Navarro li urew ix-xewqa li jagħmlu bust għall-istess Johnny Navarro. Qalet li l-familja huma lesti li jħallsu l-ispejjeż kollha. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob aktar informazzjoni.

44.3.21 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand t-TM f'isem il-kumpanija *Vodafone Malta* għal permess biex isir *detection* tas-servizzi f'diversi toroq f'Tas-Sliema kif indikat fl-istess korrispondenza. Ġie deċiż b'mod unanimu li jintalab il-parir tal-Perit tal-Kunsill.

44.3.22 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand is-Sur Jesmond Cutajar, li qiegħed jitlob li jitneħħew il-*bollards* kollha minn Triq Guze Cardona. Il-Kunsilliera M. Aquilina spjegat li l-*bollards* imsemmijin fl-ittra qiegħdin f'kull tarf tat-triq u qegħdin hemm biex jipprevjenu l-vetturi milli jitilgħu fuq il-bankina u jkunu ta' periklu għal pedonali. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandha tintbagħat korrispondenza lit-Trasport Malta fejn il-Kunsill jispjega r-raġuni għaliex hemm il-*bollards* fit-truf tat-triq, kif ukoll li jekk il-*bollards* jinqalgħu minn din it-triq it-TM għandha tieħu azzjoni biex jitneħħew il-bollards kollha f'Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel ukoll li kopja ta' din il-korrispondenza tintbagħat lill-Ministru Pullicino.

44.3.23 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand is-Sur Michael Camilleri, f'isem il-Maltapost, għal permess biex jitpoġġa *mobile Maltapost office* f'Tas-Sliema. Il-Kunsill unanimament qabel li dan il-*mobile Maltapost office* jitpoġġa jew ix-Xatt jew ħdejn it-Torri fi Triq it-Torri. Il-Kunsill qabel ukoll b'mod unanimu li tintbagħat korrispondenza lil-kumpanija Maltapost dwar proposta ta' divesi *stationeries* f'Tas-Sliema li iridu permess għal-*sub post office*.

44.3.24 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar attività bl-isem ta' "*Play Me I'm Yours*". Il-Kunsill qabel unanimament.

44.3.25 Is-Sindku spjegat li s-Sur Jason Fabri qed jitlob il-permess tal-Kunsill biex jagħmel sinjal li jindika fejn hi d-*diving school* tiegħu minħabba nuqqas ta' accessibilita. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din it-talba.

44.3.26 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand is-Sur William Micallef ta' La Bomboniera fi Triq il-Kbira, fejn qiegħed jitlob biex jitpoġġa sinjal ħdejn it-*Tower Supermarket* bl-isem ta' dan il-ħanut. Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-permess m'għandux jinħareġ minħabba illi hemm diversi ħwienet li jkunu jridu jagħmlu l-istess ħaġa.

44.3.27 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand is-Sur Saviour Pisani li għandu residenza f'146, Triq Santa Marija Tas-Sliema, u kellu ħsara kbira fis-sistema tad-drenaġġ ikkwazata minn xogħlijiet li wettaq il-Kunsill. Gie deciż li l-Kunsill għandu jikkonferma min kien il-kuntrattur li għamel din it-triq u terġa diskussa waqt laqgħa oħra tal-Kunsill.

44.3.28 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand is-Sinjura Alessandra Lisciandrello li qiegħda titlob biex tagħmel *mobile bar* fil-forma ta' laringa fuq il-*promenade*. Il-Kunsill kien unanimament kontra din it-talba.

44.3.29 Il-Kunsillier M. Debono talab jekk il-*hot dog* stand ta' ħdejn *Peppi's Kiosk* għandix permess jew le. Gie deciż li ssir verifikazzjoni mal-pulizija.

44.3.30 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand is-Sur Roderick Briffa li talab permess biex jopera *track train* fi Triq it-Torri, Tas-Sliema. Gie deciż li tkun mitluba aktar informazzjoni.

44.3.31 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand is-Sur Matthew Fenech f'isem l-Istudenti tal-Medicina tal-Universita ta' Malta biex jorganizza attivita fi Triq Bisazza bl-isem *World Heart Day* fil-25 ta' Settembru, 2011. Kien hemm qbil unanimu u gie deciż ukoll li minħabba n-natura ta' din l-attivita ma tinżammx il-garanzija bankarja kif normalment hija l-prassi.

44.3.32 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat David Soler biex permessi tal-krejnijiet jibdew jinħarrgu iżjed tard filgħodu. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba.

44.3.33 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand is-Sur Giuseppe Pote biex issir *bungee jumping* fi Triq it-Torri. Gie deciż li l-Kunsill jikteb lis-Sur Pote li ma jistgħax jingħata tali permess billi l-art mhix devoluta lil Kunsill.

44.3.34 Is-Sindku ressqet talba mingħand is-Sjra Anastasia Lesnikova li qed tipproponi biex jitwaqqaf *stand* fi Triq Bisazza għal promozzjoni ta' gazzetta li qed isir b'kollaborazzjoni mal-ambaxxata Russa u r-*Russian Cultural Centre*. Din it-talba ma gietx approvata unanimament.

**44.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Kwotazzjonijiet u xogħlijiet**

44.5.1 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni mid-Dipartiment għall-Indafa Pubblika biex jitnaddfu sew il-bankini tad-dawra tal-Kunsill għall-ammont ta' €250. Din il-kwotazzjoni ma kinitx approvata unanimament minħabba li din il-bankina se tinqala u terga tinbena mill-gdid fix-xhur li gejjin.

44.5.2 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni mingħand PC Options għax-xiri ta' HP printer li tammonta għal €145.00. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li hemm *credit note* mingħand l-istess kumpanija. Is-Sindku pproponiet li jinxtara dan il-printer, il-Vici Sindku ssekonda. Ivvutaw favur is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera E. Cuschieri, S. Camilleri, P. Pace, u J. Galea, M. Aquilina. Il-Kunsillier M. Debono astjena. Il-proposta għaddiet b'seba' (7) voti favur.

44.5.3 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni mingħand il-Comtec biex isir *pest control service* fl-ufficcju tal-Kunsill għal ammont ta' €54.97. Il-Kunsillier Galea ppropona li dan is-servizz isir darbtejn f'sena. Il-Kunsilliera Aquilina ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

44.5.4 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill tlett kwotazzjonijiet differenti għall-installazzjoni ta' suffett fit-toilets li jinsabu fil-bini tal-Kunsill. Il-Kunsillier M. Debono staqsa għaliex ghal dan is-servizz ingibu tlett kwotazzjonijiet u għall-*printer* le. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li għal *printer* kien hemm *credit note* kif ukoll mhux l-obbligu tal-Kunsill li jigbor tlett kwotazzjonijiet għal spiza ta' inqas minn €1165. Il-Kunsillier Debono qal li l-Kunsill għandu jistaqsi ghal *energy saving lamp* u li tkun *down light* ta' 2700k. Il-Kunsillier Galea qal li għandu jkun hemm extractor f'kull toilet. Il-Kunsill qabel li għandhom jintalbu kwotazzjonijiet b'dawn l-ispecifikazzjonijiet godda lill-kumpaniji li rrispondew għas-sejħa tal-kwotazzjonijiet.

***Il-Kunsillier E. Cuschieri hareg mis-Seduta fit-7.54 ta' filghaxija.***

44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

44.3.35 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand il-MEPA biex il-Kunsilli Lokali jippartecipaw f'attivita magħurfa bħala *Waste Reduction Week*. Is-Sindku pproponiet li l-korrispondenza tintbagħat lill-Kunsilliera għall-kummenti tagħhom.

44.3.36 Is-Sindku infurmat lil Kunsill b'Memo 66 tal-2011 li titlob li jkun hemm rapprezentant tal-Kunsill ta' Tas-Sliema fuq it-tħaris ta' *standards* għall-*playing fields*. Is-Sindku pproponiet lill-Kunsillier M. Debono. Il-Kunsillier Debono nforma lil Kunsill li se jikkunsidra n-nomina wara li jara l-korrispondenza u jagħti risposta f'seduta oħra.

44.3.37 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand l-Avukat Antoine Grima li qiegħed jitlob lill-Kunsill iħallas lis-Sur Ray Cachia l-ammont ta' €2133.00 għal xogħol li kien għamel fi 21, Triq il-Kbira, Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jirriferi dan il-kaz lill-Avukat tal-Kunsill.

44.3.38 Is-Sindku ressqet talba mill-Ministeru responsabbli miz-zgħazagħ biex il-Kunsill jippartecipa fil-progett "Kunsill Lokali taz-Zagħzagħ". Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jippartecipa izda wara spjegazzjoni mogħtija mill-Kunsilliera M. Aquilina kien hemm qbil li jkun hemm regoli cari għal uzu tal-bini tal-Kunsill.

**44.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Kwotazzjonijiet u xogħlijiet**

44.5.1 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni għat-tiswija tal-photocopier l-antika li tammonnta għal €895.00. Is-Sindku tipproponi l-approvazzjoni tal-kwotazzjoni. Il-Kunsillier J. Galea issekonda. Il-Kunsill qabel unanimament.

44.5.2 Fuq suggeriment tas-Sindku, l-Kunsill qabel li laqgħa oħra tinzamm fl-1 ta' Settembru, 2011 fejn ikun diskuss ir-rapport tal-inginjier biex toħrog is-sejħa għall-offerti.

***Is-Sindku talbet li tkun skuzata fit-8.12 ta' filgħaxija.***

Il-Vici Sindku ppresieda.

**44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

44.3.39 Il-Vici Sindku ressaq għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand resident fi Triq San Duminku fejn allega li qiegħed jidħol l-ilma fil-kantina tiegħu minħabba l-istat ħazin tal-bankina. Gie deciz li l-perit tal-Kunsill jagħmel stima għal dan ix-xogħol.

**44.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Bye Law**

44.6.1 Dan l-item ma ġiex diskuss.

**44.7 Affarijiet oħra**

44.7.1 Il-Kunsillier J. Galea qiegħed jipproponi biex jorganizza *Clean Up Sliema* fl-okkazzjoni tal-*Clean Up the World* campaign fit-18 ta' Settembru, 2011, b'kollaborazzjoni mal-1st Sliema Scout Group, McDonalds u Green MT. Din l-attivita se tinvolvi madwar 150 partecipant li se jnaddfu Tas-Sliema kollha, kif ukoll xi bugħaddasa. Il-Kunsillier Galea qal li jkun hemm bzonn ta' għajnuna mill-ħaddiema manwali tal-Kunsill u li dan ikun jinvolvi l-ħlas ta' *overtime*. Il-Vici Sindku ssekonda din il-proposta. Ivvutaw favur il-Vici Sindku, il-Kunsillier J. Galea, M. Debono, P. Pace, u M. Aquilina. Il-Kunsilliera S. Camilleri astjeniet. Il-proposta għaddiet b'hames (5) voti favur.

44.7.2 Il-Kunsillier J. Galea talab l-ELC ineħħu l-ilma li hemm fix-xelter ta' Triq Sir A Mercieca. Gie deciz li l-Kunsill jitlob stima għal dan ix-xogħol u terga tigi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

44.7.3 Il-Kunsillier P. Pace qal li l-pont ta' Triq il-Kullegg Antik jinsab fi stat perikoluz ħafna u l-Kunsill hemm ħtiega li jiehu azzjoni. Il-Kunsillier Camilleri qalet waqt laqgħa mal-Kunsill li saret is-sena l-oħra ma' Transport Malta, l-Kunsill kienu infurmat li se jibnu t-triq ta' fuq il-pont. Il-Vici Sindku ppropona li tigi mgħajjta konferenza stampa fl-24 t'Awwissu, 2011 fil-ħdax ta' filgħodu. Kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta.

44.7.4 Il-Vici Sindku talab li l-Kunsill jerga' jinstalla *parking bay* li tneħħiet fi Triq Sir A. Dingli kantuniera ma' Triq Sant'Elena. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

44.7.5 Il-Kunsillier J. Galea ppropona li l-fondi tal-UIF jigu utilizzati ghar-rijabilitazzjoni taz-zona tar-*roundabout* tat-tlett sigriet fi Triq Sir A. Dingli. Gie deciz li l-Kunsillier M. Debono għandu jagħmel l-*isketches* waqt li l-Perit tal-Kunsill għandu jagħmel il-*costings*.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.29 ta' filgħaxija.

Kif maqbul aktar qabel għandha ssir laqgħa *ad hoc* fl-1 ta' Settembru, 2011 fejn ikun diskuss ir-rapport tal-inginjier biex toħrog is-sejħa għall-offerti.

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ........................ 6 ......... ta' ........Ottubru............... 2011.
(jum) (data) (xahar)